MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2381/2003

**Office Electronics Limited**

**vs**

**Lukanda Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Novembru 2003 fejn gie mitlub li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' mija u erbghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm140.60) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' servizzi rezi u kif ukoll merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta konvenuta mis-socjeta attrici kif jidher mill-invoice anness u mmarkata bhala Dok MG 1.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-Avviz, tal-ittra legali datata

2 ta’ Ottubru, 2003 u interessi legali mid-data tal-konsenjua sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta konvenuta li d-diretturi taghha huma minnn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm is-socejta konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u erbghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm140.60), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ qbid ta’ qbid kawtelatorju prezentati kontestwalment ma’ l-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------